**Diskors mill-President Federali Joachim Gauck**
**waqt l-ikla ta' nofsinhar flimkien mal-Prim Ministru tar-Repubblika ta' Malta**
**fil-Belt Valletta, Malta,**
**fit-30 ta' April 2015**

Ilbieraħ kont diġà mqanqal ħafna b'dak li rajt mill-arkitettura meraviljuża tal-Belt Valletta. U issa llum, permezz taż-żjara tal-uffiċċju tiegħek, għandi l-opportunità li nara l-iktar faċċata sabiħa tal-Belt u fl-istess ħin għandi l-opportunità sabiex nirringrazjak tal-ospitalità tiegħek. Minn qalbi napprezza l-ġentilezza tiegħek u l-merħba kbira li rċivejt hawnhekk f'pajjiżek.

Dan il-bini, li issa huwa l-uffiċċju tiegħek, u li qabel kien berġa tal-Ordni ta' San Ġwann jaffaxxinani, fost l-oħrajn għaliex darba kien is-simbolu ta' waħda mit-tmien Lingwi tal-Ordni. Għalhekk, il-Berġa hija inkorporazzjoni sabiħa tad-diversi influwenzi kulturali li kienet esposta għalihom Malta matul l-istorja tagħha u li huma riflessi b'mod impressjonanti fil-lingwa tiegħek.

Malta kienet iffurmata ħafna mill-pożizzjoni tagħha fil-Mediterran bejn l-Ewropa u l-Afrika. Huwa maħsub li l-kelma bil-Feniċju għall-arċipielgu Malti, "Malet", kienet tfisser "post ta' refuġju". Malta llum reġgħet hija preċiżament dak – post ta' refuġju għal ħafna persuni li qed jaħarbu minn madwar il-Mediterran lejn il-Gżejjer Maltin biex jaħarbu mis-sofferenza u l-persukuzzjoni. Għal din ir-raġuni, kwistjonijiet dwar il-politika tal-migrazzjoni u l-ażil huma estremament importanti għal Malta. Aħna fil-Ġermanja napprezzaw l-impenn u s-suċċessi ta' Malta fl-ilqugħ tar-refuġjati. Ibqgħu ċerti li l-Ġermanja hija konxja li permezz ta' dak li qed tagħmel Malta, hija qed taffaċċja sfidi kbar ħafna. Din hija r-raġuni għala jeħtieġ li niddiskutu modi li permezz tagħhom il-piżijiet jiġu distribwiti b'mod ġust. Madankollu, hija r-responsabbiltà ta' kull individwu u ta' kull stat, li jagħmlu kull ma jistgħu biex jiżguraw li r-refuġjati jintlaqgħu b'mod uman.

Dan huwa proprju fil-qalba tal-valuri tagħna. U ma għandniex ninsew dan: ma tantx ilu - aħsbu fl-1945 - meta l-Ewropa stess kienet kontinent ta' persuni mitluqin waħidhom f'sitwazzjonijiet diffiċli u

ADDRESS Bundespräsidialamt
11010 Berlin
TEL / FAX +49 30 2000-2021/-1926
E-MAIL presse@bpra.bund.de
WEBSITE www.bundespraesident.de

spustjati. Illum ir-refuġjati qed ifittxu sikurezza f'Ewropa li wegħdet li tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem. Li nuru solidarjetà ma' dawn il-persuni hija responsabbiltà pan-Ewropea. L-għan ta' politika verament Ewropea dwar ir-refuġjati għandu jkun li ma tipproteġix biss il-fruntieri tal-Ewropa, iżda wkoll il-ħajjiet umani fuq dawk il-fruntieri.

Naturalment, aħna l-Ewropej nistgħu nilħqu dan l-għan biss jekk naħdmu flimkien. Fortunatament – fl-Unjoni Ewropea għaddej dibattitu intens dwar dan, dibattitu li għalih Malta u l-Ġermanja jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet vitali.

Aspett wieħed ta' dan id-dibattitu huwa l-ħtieġa li nħarsu wkoll lejn il-kawżi tal-flussi tar-refuġjati. Waħda minn dawn hija l-arka ta' kriżijiet mill-Magreb sal-Lvant Nofsani li qed toħloq sfidi ġodda għall-politika barranija tagħna.

Fid-diskussjoni dwar il-futur tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-Ġermanja – mhux l-inqas bis-saħħa tal-pożizzjoni ġeografika tagħha fiċ-ċentru tal-Ewropa – għandha rwol importanti bħala ħolqa bejn l-Istati Membri tan-nofsinhar u tal-Lvant tal-Unjoni Ewropea u l-imsieħba tagħhom.

F'dan il-kuntest, l-Akkademja tal-Mediterran għall-Istudji Diplomatiċi (MEDAC) tal-Università ta' Malta, li ilha tħarreġ diplomatiċi Għarab għal ħafna snin, għandha rwol kruċjali bħala strument ta' politika tal-viċinat attiva. B'rikonoxximent tal-irwol speċjali li għandha l-MEDAC, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Federali jiffinanzja President Ġermaniż għall-Istudji dwar il-Paċi u l-Kunflitti. Dan huwa eżempju partikolarment tajjeb ta' kif Malta u l-Ġermanja jistgħu jikkooperaw għall-benefiċċju tar-reġjun.

Diġà rreferejt għall-ħafna influwenzi u l-esperjenzi kulturali differenti ta' Malta. F'din l-era ta' globalizzazzjoni b'mod partikolari, id-diversità hija vantaġġ. Dawk li jesperjenzaw diversità etnika u kulturali f'pajjiżhom stess se jsibuha iktar faċli biex jinteraġġixxu u jagħmlu n-negozju ma' persuni li ġejjin mill-erba' rjiħat tad-dinja. Din hija raġuni oħra għala jiena fiduċjuż li Malta se tikseb opportunitajiet tremendi mill-pożizzjoni u t-tradizzjonijiet tagħha. U nittama ħafna li l-pajjiżi tagħna jkomplu l-kooperazzjoni u l-fiduċja mill-qrib fil-futur.